**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta` Dicembru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kyle Borg)**

**Vs**

**LUCIANO GRECH**

Kump Nru. 512/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Luciano Grech detentur tal-karta tal-identita nru. 0070170M** u residenti ‘Redeemer’ Triq id-Dejma, Tarxien, gie akkuzat talli nhar id-29 t’April 2013 mill-fabbrika C.Fino & Sons li tinsab fil-qasam industrijali tal-Imriehel, bejn is-14:00hrs u 15:00hrs;

1. Ikkommettejt serq ta’ kartiera li kien fiha b’madwar €70 fi flus kontanti, *season block football ticket, football membership card*, karta tal-identita` u licenzja tas-sewqan ghad-dannu ta’ Edward Borg, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-lok;

2. Nakkuzak ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew

jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbighhom jew tmexxihom meta kont taf li l-haga kienet gejja minn serq.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-24 ta` Mejju 2013 (ara *folio* 7) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment, inkluz dik ta` l-imputat minn jeddu;

Qieset is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi rrizulta a sodisfazzjoni tal-Qorti u skond il-ligi illi nhar id-29 ta` April 2013, l-imputat li kien jahdem bhala *cleaner* ma C Fino and Sons gewwa l-Imriehel, kien xoghol dakinhar. F'hin minnhom l-imputat kien qed inaddaf l-ufficcju tas-Sur Edward Borg (*store keeper*) permezz ta` mopp. Meta ra li ma kien hemm hadd gewwa l-ufficcju, l-imputat nizel u tbaxxa taht *desk* u ha wallet minn basket a detriment tas-sur Edward Borg. Din ix-xena tidher cara fuq CCTV *footage* li gie esebit in atti. Effettivament din il-Qorti rat u fliet sew dan il-*footage*. Jirrizulta li fil-hin indikat bhala **14.31** l-imputat jidher qed inaddaf l-art bil-mopp. Sussegwentement fil-hin indikat bhala **14.32.19** l-imputat jidher qed ihares lejn il-bieb ta` l-ufficcju (b'mod li wiehed jista jifhem li dan kien qed jaghmlu sabiex jara jekk kienx gej xi hadd) u minnufih mbaghad jidher l-imputat jitbaxxa u jiehu xi haga minn taht id-desk.

A bazi ta` dawn ir-rizultanzi processwali, l-imputat gie passabbli ghall-ewwel imputazzjoni, dik tas-serq.

Peress illi t-tieni imputazzjoni, dik ta` ricettazzjoni tkun inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel, u minhabba li l-Qorti ghadha kif ippronunzjat ruhha fis-sens li l-imputat ghandu jinstab hati ta` l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti trid necessarjament tieqaf milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Ghal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti qed izzomm quddiem ghajnejha s-segwenti.

1. Illi l-imputat abbuza serjament mill-fiducja li kienet tpoggiet fih meta inghata impjieg u dak li ghamel ghamlu waqt l-impjieg tieghu;
2. Il-valur tas-serq huwa wiehed sostanzjalment zghir, izda certament serq li johloq inkonvenjent lid-derubat tenut kont tad-dokumenti li kellu fil-wallet misruq;
3. Illi l-fedina penali ta` l-imputat hija wahda tista tghid negligibbli. Madanakollu l-agir u l-komportament tieghu jindika livell ta` hazen.

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` serq kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati/hatja ta` reat kif migjub kontra Luciano Grech, partikolarment fejn il-vittma hija persuna li kienet fl-istess impjieg fejn kien jahdem l-imputat u afdatu, dan il-hati jkun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

Din il-Qorti hi tal-fehema wkoll li ghandha tohrog direttiva kif hemm previst fl-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 261, 268, 269, 281(a)(b), 334, 28A, 28H u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, (a) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel, izda (b) issib u tiddikjara lil Luciano Grech hati ta` l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tmien (8) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Luciano Grech sabiex ihallas bhala kumpens is-somma ta` mija u hamsin euro (€150) lil Edward Borg u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva**.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €93.60 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Steven Farrugia Sacco. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur